TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 65/18/F

**Anthony Saliba u Rodney James**

**vs**

**Britannia Services Ltd.**

Illum 24 ta' Jannar, 2019

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fid-9 t'April, 2018 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' mitt ewro (€100) kull persuna, rappreżentanti diversi nuqqasijiet li sabu fuq dan il-vjaġġ lejn Fatima, il-Portugal.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma kienu bbukjaw mas-soċjeta' ntimata pero' peress li ma kinux biżżejjed, l-Britannia Services Limited, infurmaw lir-rikorrenti li kienu se jmorru mal-Euro Tours u ta' dan ġew infurmati fil-laqgħa qabel siefru, u għalhekk kellhom l-għażla li jaċċettaw jew li jirtiraw, pero' kollha aċċettaw u marru mal-Euro Tours.

Illi jirriżulta li l-programm kien kważi l-istess u kien hemm xi nuqqasijiet jew differenzi bejn il-programm tal-Britannia Services Limited, u l-programm tal-Euro Tours. Fost ilmenti oħra, l-hotel kienet differenti li kienet 'il bogħod miċ-ċentru, u li l-ikel ma kienx daqshekk tajjeb.

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jinnota li r-rikorrenti kienu nfurmati li ma kinux se jmorru mal-Britannia Services Limited, imma kienu se jmorru mal-Euro Tours u għalhekk ta' dan kienu diġa' nfurmati.

Għar-rigward in-nuqqasijiet li sabu fuq it-tour, peress li kien hemm xi varjazzjoni żgħira fil-programm, it-Tribunal qed jilqa' dan l-ilment peress illi għalkemm marru mal-Euro Tours, pero' huma kienu ħallsu u kkuntrattaw mal-Britannia Services Limited.

Il-Euro Tours żgur li m'għandhom l-ebda tort f'dan il-każ u li hija r-responsabbilta' tal-Britannia Services Limited li għandha tassigura li dak illi ħallsu għalih jieħduh.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte, u jordna lis-soċjeta' ntimata Britannia Services Limited tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' sebgħin ewro (€70) kull persuna, u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn iż-żewġ partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**